MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 790/2008

**Fire Tech Limited (C-17901)**

**vs**

**Susan Grech esercenti l-Kummerc taht l-isem Finsbury Stationery.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro549.75c rapprezentanti kwantu ghal Euro522.25c bhala bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lill-konvenuta kif jirrizulta minn DokA u kwantu ghal Euro27.50c bhala spejjes ta' ittra legali DokB.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 26 ta' Novembru 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li t-tiswija u r-rimpjazzament allegat gie esekwit ai termini tal-artikoli 74 u 75 ta L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ulterjuri tal-istess konvenuta datata 22 ta' Dicembru 2008 fejn affermat li t-tibdil tal-parti in kwistjoni kienet necessarja peress illi r-rapprezentant tas-socjeta attrici ma kienx kompetenenti meta sewwa l-istess panel.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u kif ukoll id-dokumenti esebiti.

Sema lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza oralment.

Ikkunsidra.

Il-konvenuta tispjega li kienet installat forma ta' 'anti-theft alarm' fil-hanut taghha li ghaliha kienet hallset kif jirrizulta mill-*invoice* datata 10 ta' Jannar 2006 Dok SG1. Ghal bidu ma kellha ebda problema dwar din is-sistema hlief li ghal xi zewg okkazzjonijiet kienet daqqet darbtejn ghal xejn. Gie t-*technician* tas-socjeta attrici li rega ssettja u telaq 'l hinn. Ftit taz-zmien wara f'perjodu ta' *busy* meta kienet ser tibda l-iskola tat-tfal, l-alarm regghet bdiet iddoqq ghal xejn. Dan gara f'xi Settembru/Ottubru tas-sena 2007 cioe sena u disa xhur wara l-installazzjoni. Rega gie t-*technician* f'gurnata minnhom pero ghal xejn – l-ghada gie Sergio Tanti u ghalkemm hadem fuqha ghal xi gimgha, baqa ma sabilhiex il-kaptu. Darba minnhom waqt li dan Sergio kien qed jahdem fuqha, nqata d-dawl u meta rega gie lura dan l-apparat ma bedhiex jahdem aktar. Illi ghalhekk l-ghada l-istess Sergio Tanti gie ma *technician* iehor li qal li kien ser jibdel il-panel. Il-panel inbidlet u s-sistema bdiet tahdem tajjeb. Ix-xoghol hekk esekwit gie registrat fuq il-*'job sheet'* esebita bhala Dok SG2 liema dokument jinsab anke ffirmat mill-istess konvenuta. Il-panel l-antika ttiehdet mis-socjeta attrici. Meta wasal il-

kont ta' dan ix-xoghol cioe l-ammont meritu ta' din il-kawza, il-konvenuta lmentat mill-istess peress li tippretendi li ghandha biss thallas tat-*technician* u mhux tal-part li nbidlet. Hija tallega li l-panel kienet thassret minhabba xoghol hazin tat-*technician* tas-socjeta attrici u mhux minhabba forza estraneja bhal xi sajjetta kif donnu afferma Tanti. Fil-fatt din id-divergenza ta' opinjoni fuq il-ghala kien jehtieg it-tibdil tal-panel tirrizulta mill-ittra tas-socjeta attrici esebita u markata Dok CZ1 datata 19 ta' Gunju 2008.

Hawn ta' min jirrimarka li l-konvenuta naqset li tressaq prova teknika biex tissostanzja l-allegazzjoni taghha cioe li l-hsara sehhet minnhabba intervent tat-technician pero fl-istess hin jigi osservat li kien ikun difficli jekk mhux impossibbli ghalih li ggib tali prova meta tqis li l-panel il-hazina kienet f'idejn is-socjeta attrici – dana dejjem skond l-istess konvenuta.

Emmanuel Vassallo, *technician* mas-socjeta attrici jikkonferma l-ilment tal-konvenuta u li dan l-ilment kien fil-fatt iggustifikat u cioe li s-sistema ma kinietx qed tahdem tajjeb peress li l-alarm kienet iddoqq ghal xejn. Huwa prova jsib tarf ta' din il-problema pero ma rnexxilux. Ighid li jiftakar li fil-lejl ta' qabel ma mar kien il-maltemp u s-socjeta kienet irceviet hafna *emergency calls*. Meta ma sabx il-kaptu tefa s-sistema. Xi tliet ijiem wara rega mar ghand il-konvenuta ma Sergio Tanti. Wara xi ftit iddecidew hu u Tanti li jkun ahjar li jiccekkjaw is-sistema bi strument partikolari li dak il-hin ma kellhomx fuqhom. Huwa ma regax mar ghand il-konvenuta. In kontro-ezami jikkonferma li meta prova jsib tarf il-fault, huwa kien qed jikkonsulta l-manual. Huwa ighid li mhux necessarjament il-fault kienet ikkawzata minn xi maltempata. Waqt li kienu qed jahdmu fuq is-sistema, l-apparat zammewh dejjem mixghul.

Sergio Tanti li wkoll hadem fuq l-apparat wasal ghal konkluzjoni li jkun ahjar li jiccekkjaw l-istess tramite apparat specjali. Meta rega ezamina u esegwixxa xi testijiet fuq l-istess permezz ta' dan l-apparat, irrizultalu li parti minn sezzjoni tal-apparat ma kienx qed jopera u

jiffunzjona kif suppost u dana mill-lat tar-*'receiver'*. Meta spjega dawn ir-rizultanzi tieghu lil Brian Vassallo, t-*technical Manager*, dan deher li qabel ma l-opinjoni ta' Tanti. Fil-fatt it-tnejn li huma marru fil-hanut tal-konvenuta armati b'transmitter board u receiver board u b'sistema ta' elminazzjoni rrizulta li r-receiver board kienet bil-hsara. Vassallo spjega lill-konvenuta li tali board kellha bzonn tinbidel, il-konvenuta qablet u l-*board* inbidlet. Il-konvenuta ffirmat il-job sheet u zammet ghandha l-istess board l-antika. Minn dak in-nhar is-sistema kienet u baqghet tahdem tajjeb. Fuq domanda tat-Tribunal dan ix-xhud jafferma li minn barra jaghtuhom garanzija ta' sena fuq dan l-apparat. In kontro-ezami jikkonferma li ghal bidu s-sistema ma kienitx qed tahdem tajjeb peress li kienet qed taghti *'false alarms'* – ghalhekk kien hemm xi malfunction x'imkien; in segwitu pero ma bdietx tahdem tajjeb fis-sens li ma bdiet tahdem xejn u cioe ma kienet qed tirregistra xejn – ebda oggett li jghaddi minn hdejha.

Brian Vassallo, t-*'technical manager'*, xehed li huwa kien mar ghand il-konvenuta sabiex isolvi darba ghal dejjem il-problema li kienet inqalghatilha fis-sistema. Minn *'tests'* li ghamel irrizulta li s-sistema kienet tahdem tajjeb u ftit minuti wara terga tahdem hazin. Kien hemm ghalhekk board minnhom li ma kinietx qed tiffunzjona tajjeb. Il-konvenuta accettat li l-Board tinbidel u hekk gara u minn dak in-nhar l'hawn is-sistema hadmet tajjeb. Huwa ighid li l-bord il-hazina thalliet fil-hanut. L-apparat li gie nstallat xi sena u nofs qabel kien kopert permezz ta' garanzija ta' 12 il-xahar u ghalhekk ix-xoghol in kwistjoni ma kienx kopert bl-istess. Jafferma li d-diskors mal-konvenuta kien car qabel ma ffirmat il-job sheet u qabel ma nbidlet il-board u cioe li kienu ser izommulha biss tar-'replacement board'. Hija accettat u kwindi l-board inbidlet u l-konvenuta ffirmat. In kontro-ezami jghid li l-Board kienet qed taghti *'fault'* intermittenti u ma setatx jigi stabbilita l-kawza proprja tal-istess. *'Faults'* simili jistghu jigu kkawzati minn sajjetti u jew minn *'surge'* qawwija ta' l-elettriku u jew minn ragunijiet ohra u dana tenut kont tal-fatt li boards simili huma sensittivi.

Illi dan it-Tribunal huwa soddisfatt li gew ipprovati s-segwenti fatturi:-

1. Illi l-perjodu ta’ garanzija moghtija fuq l-apparat kien lahaq skada meta saru x-xogholijiet riparatorji fuqu;

2. Illi ma tresqet ebda prova la minn naha u anqas minn ohra dwar x’kienet il-kawza proprja tal-hsara. Illi ghalhekk certament ma gietx ipprovata l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-apparat thassar per konsegwenza ta’ xoghol hazin esekwit minn haddiema tas-socjeta attrici. Fl-istess hin pero jinghad li anqas ma rrizulta li l-hsara giet kawzata minn *‘power surge’* kif donnu allegat is-socjeta attrici. Li rrizulta ppruvat huwa li r-*‘receiver board’* kienet gratilha l-hsara tant illi meta nbidlet il-problema giet solvuta;

3. Il-konvenuta ffirmata ghal *‘job sheet’* u kwindi tat il-kunsens taghha sabiex il-board bil-hsara tinbidel u inoltre hi stess xehdet li kienet qed tistenna l-kont tat-technician biex thallsu;

4. Illi l-konvenuta tallega li l-board il-hazina ittiehdet mis-socjeta attrici, pero din ta’ l-ahhar affermat tramite zewg xhieda li l-board l-hazina fil-fatt thalliet il-hanut ghand l-attrici. Fid-dawl ta’ din id-divergenza t-Tribunal huwa propens li jemmen aktar din l-ahhar verzjoni;

5. Illi ghalkemm fl-avviz jinghad li l-parti lkbira tal-ammont mitlub huwa ghal servizzi rezi pero minn ezami ta’ Dok A a fol 2 tal-process liema dokument jifforma parti ntegrali mit-talba, ghandu jirrizulta li s-socjeta attrici qieghdha tfittex biss ghal valur ta’ *“replacement of main transmitter PCB Board …”;*

6. Illi l-artikoli u l-kap kwotat fl-ewwel risposta tal-konvenuta ma humiex applikabbli ghal kaz in ezami peress illi mhux kwistjoni ta’ nuqqas fl-oggett meta dan gie kkonsenjat u fit-tieni lok, dawn l-artikoli jikkontemplaw dritt ta’ azzjoni favur il-konsumatur f’kaz ta’ xi nuqqas fil-mument tal-konsenja;

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi r-risposti sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' Ewro549.75c (hames mija u disa' u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------